**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001

**Numru 20**

**Avviz. numru 913/00JR**

**ECB Hotel & Catering Equipment Limited**

**vs**

**Carmelo Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha liri Maltin u hamsin centezmu (Lm209.50) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' "catering equipment" mibjugh mis-socjeta` attrici lill-konvenut. Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra legali**

**datata 19 ta' Gunju, 2000, u bl-imghax legali sad-data ta' l-eventwali pagament kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Richard Sladden ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u disgha liri Maltin u hamsin centezmu (Lm209.50), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Gunju, 2000 sad-data ta' l-eventwali pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 19 ta' Gunju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**